MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Numru 1517/2007

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Evan Schembri, iben Carmel, imwieled Pieta' fit-18 ta' april, 1982
u
Joanthan Pellicano, iben Emanuel, imwieled Pieta' fil-25 ta' awissu, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fid-9 ta' diċembru, 2007 għal ħabta ta' xi 7.00 p.m. waqt li kienu fi Triq il-Qaliet, Marsaskala attaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew ħebb ta' xorta li ma tieqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC248 Anthony Axiaq, PC1391 Ian Grech u PC1091 Kenneth Camilleri persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-

liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita’ kompetenti;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurjaw, heddew jew għamlu offiża fuq il-persuna PC248 Anthony Axiaq, PC1391 Ian Grech u PC1091 Kenneth Camilleri persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuq hom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. talli kkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe’ offiża ta’ natura gravi fuq PC248 Anthony Axiaq kif iċċertifika Dr. R. Portelli M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid, offiża ta’ natura ħafifa fuq PC1091 Kenneth Camilleri, skond kif iċċertifika Dr. J. Agius Muscat M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid u ofiża ta’ natura ħafifa fuq Shaxon Theuma, kif iċċertifika Dr. C. Farrugia M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid;

4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamlu ħsara fl-istess proprjeta’ u cioe’ fuq żewġ uniformijiet tal-pulizija għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, liema ħsara hi ta’ anqas minn Lm50 għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

5. talli fl-istess jum, lok ħin u ċirkostanżi bil-ħsieb li jtellfu jew inaqqsu l-ġieh ta’ PC248 Anthony Axiaq, PC1391 Ian Grech, PC1091 Kenneth Camilleri u Shaxon Theuma weġġgħuhom bi kliem, b’ġesti jew b’mod ieħor;

6. talli fl-istess jum, lok ħin u ċirkostanżi volontarjament kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;

7. talli fl-istess jum, lok ħin u ċirkostanżi qalu fil-pubbliku kliem indeċenti u oxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagħa;

8. talli fl-istess jum, lok ħin u ċirkostanżi ħebbew kontra l-persuna ta’ PC248 Anthony Axiaq, PC1391 Ian Grech, PC1091 Kenneth Camilleri u Shaxon Theuma sabiex jinġurjawhom, idejquhom jew jagħmlulhom ħsara;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ PC248 Anthony Axiaq, PC1391 Ian Grech, PC1091 Kenneth Camilleri u Shaxon Theuma u tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ jannar, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kkontra tagħhom. Rat l-artikoli95(1), 96, 216, 221(1), 325(1)(ċ), 252(1), 338(bb)(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputati għandhom fedina penali netta u ammettew il-ħtija tagħhom fi stadju bikri tal-kawża. Għalhekk tikkundanna lil Evan Schembri għal ħlas ta’ multa ta’ seba’ mija u ħamsin euro (€750) u lil Jonathan Pellicano għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mitt euro (€300). Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------